TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2024**

**Talba Nru: CCT156/23/DS**

**Carmel Zammit u Rita Zammit**

**Vs**

**Airmalta Plc.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentaw fl-4 ta' Settembru, 2023 fejn talbu illi s-soċjeta' intimata tħallashom elf u mitejn Ewro (€1,200) illi skont l-istess rikorrenti Carmel Zammit waqt ix-xhieda li ta' quddiem dan it-Tribunal *"jirraprezentaw l-ammont illi skont ir-regoli tal-Ewropa jrid jigi mogħti lil min minhabba li jkun hemm delay, jasal fid-destinazzjoni b'aktar minn ċertu ħin."*

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fejn qalet illi hija offriet alternattiva li r-rikorrenti aċċettaw u li permezz tagħha ġew Malta fit-3 ta' April, 2023 minn Orly għall-Malta u għaldaqstant dan it-Tribunal għandu jiċħad it-talba tar-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-atturi kellhom itijira minn Orly għall-Malta fit-2 ta' April, 2023 liema titjira tħassret minħabba strike ġewwa l-ajruport ta' Orly. L-atturi vjaġġaw minn Liżbona sal-ajruport ta' Orly kif kien mistenni pero' ma kienx hemm titjiriet b'postijiet vakanti illi setgħu jutilizzaw u l-Air Malta offriet titjira minn Orly għall-ajruport ta' Malta ġurnata wara u cioe fit-3 ta' April, 2023.

Is-soċjeta' intimata tikkontendi illi hija offriet alternattiva illi l-atturi utilizzaw u li offriet ukoll kura u assistenza skont EC Regulation 261/2004 w'għaldaqstant m'għandhiex tbati danni f'dawn il-proċeduri.

L-atturi jirribattu illi kumpaniji tal-ajru oħra kellhom titjiriet matul il-lejl fl-istess lejl meta l-Air Malta ħassret it-titjiriet tagħhha w'għaldaqstant ma jarawx raġuni valida għalfejn it-titjira tagħhhom tħassret.

L-atturi jgħidu illi provaw jaslu fi ftehim bonarju mal-Air Malta pero' kulma ngħataw kienu l-ispejjez tal-akkomodazzjoni u tal-kolazzjon tal-għada u rrifjutaw illi jħallsu l-ammont mitlub ta' elf u mitjen Ewro (€1,200) li huwa l-kumpens illi fil-fehma tagħhhom huwa dovut skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea.

Is-soċjeta intimata permezz tar-rapprezentant tagħhha Jonathan Calleja xehdet illi minħabba l-*istrike* fl-ajruport ta' Orly 25% tat-titjiriet kellhom jiġu kkanċellati u mhux it-titjiriet kollha w'għaldaqstant għalkemm kien hemm ċertu titjiriet ma jfissirx illi ma kienux taħt *strike* u għalkemm kien hemm titjiriet oħra qabel, ma kienx hemm postijiet battala w'għaldaqstant ma setgħux jakkomodaw lill-atturi fuqhom. Ma kienx hemm lanqas il-possibbilita' illi l-atturi jingħataw titjira minn destinazzjoni differenti għaliex ma kienx hemm din id-disponibilita'.

L-istess xhud jgħid illi "*Bħala ħlasijiet illi saru lill-atturi aħna nħallsu dak li ngħidulu right of care, li kien jikkonsisti fil-lukanda u l-kolazzjon u nkunu nistgħu nagħtu wkoll rimbors tat-trasport jekk ikun hemm irċevuta.*" U "*Rigward ir-regolament Ewropew imsemmi mill-attur, jiena ngħid illi f' każ ta' titjira fid-distanza tat-titjira mertu ta' din il-kawża l-ammont ma jeċċedix €400 kull passiġġier. Skont dak ir-regolament ukoll u cioe Regulation 261/2004, dan ir-riżarċiment ma jingħatax meta jkun hemm ċirkustanzi straordinarji u fid-definizzjoni ta' ċirkustanzi straordinarji hemm inkluż strike.*"

Dan it-Tribunal jinnota Dok JC1 illi hija n-nota JC1 illi jagħmel referenza għaliha Johann Calleja fix-xhieda tiegħu liema dokument hija n-*notice to airmen* għal xi raġuni ma tinsabx fl-atti. Dana pero' ma jnissel l-ebda dubju dwar il-fatt illi dak inhar in kwistjoni l-ajruport ta' Orly kien taħt *strike stante* illi dan it-Tribunal jiftakar jara

dan id-dokument waqt is-seduta u ulterjorment dan il-fatt ma ġiex ribattut mill-atturi għalkemm insistew illi *nonostante cio* kien hemm titjiriet illi seħħew dakinhar.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi primarjament il-kwistjoni odjerna titratta r-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, illi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, kif ritenut anka f'deċiżjonijiet preċedenti mgħotija mill-istess Tribunal hekk kif diversement presedut.

Illi l-imsemmi regolament jipprovdi għad-drittijiet ta' kumpens tal-passiġġieri f'każ ta' kanċellament ta' titjira f'Artikolu 5 pero` dana tenut kont il-premessa numru 12 tiegħu illi tgħid illi:

> *"Trasportaturi ta' l-ajru għandhom jikkompensaw passiġġieri jekk jonqsu milli jagħmlu dan, ħlief għal meta l-kanċellazzjoni sseħħ f'ċirkostanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha kienu ttieħdu."*

Fl-istess lista ta' premessi, din id-darba numru 15 wieħed isib illi:

> *"Ċirkostanzi straordinarji għandhom jiġu meqjusin li jeżistu fejn l-impatt ta' deċiżjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru fir-rigward ta' inġenju ta' l-ajru partikolari fuq ġurnata partikolari tikkawża dewmien twil, dewmien ta' matul il-lejl, jew il-kanċellazzjoni ta' titjira waħda jew aktar titjiriet ta' dak l-inġenju ta' l-ajru, anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha ttieħdu mit-trasportatur ta' l-ajru in kwistjoni biex jiġu evitati id-dewmien jew kanċellazzjonijiet."*

U fi premessa numru 14 wieħed isib imbgħad illi:

> *"...obbligazzjonijiet dwar trasportaturi ta' l-ajru li jaħdmu għandhom ikunu limitati jew esklużi fejn xi ħaġa ġiet ikkawżata minn ċirkostanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri kollha raġonevoli kienu ttieħdu. Ċirkostanzi bħal dawn jistgħu, partikolarment, iseħħu f'każijiet ta' nuqqas ta' stabbilitá politika, kondizzjonijiet meteoroloġiċi li ma jaqblux ma' l-operazzjoni tat-titjira in kwistjoni, riskji tas-sigurtá, nuqqasijiet mhux mistennijin fir-rigward tas-sigurtá tat-titjira u strajkijiet li jaffettaw l-operazzjoni ta' trasportatur ta' l-ajru li jopera."*

Fid-dawl ta' dan kollu u tal-insistenza minn naħa tas-soċjeta' intimata dwar il-fatt illi fiċ-ċirkustanzi fejn il-kanċellament sar minħabba strajk ġewwa l-ajruport ta' Orly, dan it-Tribunal ser jgħaddi biex janalizza jekk jistgħax ikun hemm istanzi fejn l-obbligazzjonijiet tat-trasportaturi ta' l-ajru ma jiġux effettivament eskluzi w'għaldaqstant il-kumpens ikun xorta waħda dovut.

F'dan ir-rigward dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-***Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-11 ta' Ġunju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca de Lisboa - Juízo Local Cível de Lisboa – Juiz 18- il-Portugall) – LE vs Transportes Aéreos Portugueses SA (Kawża C-74/19)*** illi fil-parti illi tikkonċerna propju dan il-punt tgħid:

> *"L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li trasportatur tal-ajru jipproċedi sabiex iqiegħed passiġġier fuq rotta differenti, permezz ta' titjira operata minnu stess u li tirriżulta fil-wasla ta' dan il-passiġġier l-għada tal-jum inizjalment previst, minħabba li l-inġenju tal-ajru li kellu jittrasportah kien affettwat minn ċirkustanza straordinarja, ma jikkostitwixxix "miżura raġonevoli" li teħles lil dan it-trasportatur mill-obbligu tiegħu ta' kumpens previst fl-Artikolu 5(1)(ċ) u fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, sakemm ma kien hemm ebda possibbiltà oħra ta' rotta differenti, diretta jew indiretta, permezz ta' titjira operata minnu stess **jew minn kwalunkwe trasportatur tal-ajru ieħor** u li tasal b'inqas dewmien mit-titjira sussegwenti tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat jew sakemm it-twettiq ta' tali rotta differenti kienet tikkostitwixxi għal dan tal-aħħar sagrifiċċju mhux tollerabbli fid-dawl tal-kapaċitajiet tal-impriża tiegħu fil-mument rilevanti, u dan huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tevalwah."*

Illi s-soċjeta' intimata insistiet illi ma kienx hemm alternattivi oħra, la qabel u lanqas waqt l-istrajk, minn naħa tagħha, inkluż minn destinazzjonijiet differenti, pero' fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma ġabet l-ebda prova illi ma kien hemm l-ebda trasportatur tal-ajru ieħor illi seta' jwassal lill-atturi b'inqas dewmien mit-titjira sussegwenti illi fil-fatt ġiet offruta lilhom. Lanqas ma ntqal waqt ix-xhieda tas-Johann Calleja illi sar tentattiv sabiex is-soċjeta' intimata tara jekk dan kienx possibbli. Din il-prova, fiċ-ċirkustanzi kienet tinkombi fuq is-soċjeta' intimata.

Għal din ir-raġuni dan it-Tribunal ma jistgħax jaċċetta it-teżi tal-intimata illi bħala konsekwenza tal-istrajk awtomatikament kienet eżonerata mill-obbligi tagħhha lejn l-atturi, għaliex ma ġiex pruvat a sudisfazzjon ta' dan it-Tribunal illi ttieħdu l-miżuri kollha raġjonevoli fiċ-ċirkustanzi. Dan speċjalment fid-dawl tal-fatt illi kienu 25%

biss tat-titjiriet illi kienu kkanċellati bħala konsekwenza tal-istrajk u li għaldaqstant kien hemm il-possibilita' illi trasportatur ieħor tal-ajru kien potenzjalment jista' jakkomoda lill-atturi.

Għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija dan it-Tribunal ser jgħaddi issa sabiex jara x'forma ta' kumpens ħaqqhom l-atturi.

Kif imsemmi aktar il-fuq, ir-regolament illi jipprovdi għad-drittijiet ta' kumpens tal-passiġġieri f'każ ta' kanċellament ta' titjira f'Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004. Dan ir-regolament jgħid illi :

> *"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:*
>
> *(a) jiġu offruti assistenza mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 8; u*
>
> *(b) jiġu offruti assistenza mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 9(1)(a) u 9(2), kif ukoll, fil-każ ta' għemil ta' rotta differenti meta l-ħin tat-tluq raġonevolment mistenni tat-titjira ġdida hu mill-inqas il-ġurnata wara t-tluq kif kien ippjanat għat-titjira kkanċellata, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(b) u 9(1)(ċ); u*
>
> *(ċ) jkollhom id-dritt għal kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 7..."*

Illi ta' min jinnota illi għal dan l-aħħar sub-artikolu hemm eċċezzjonijiet illi ma japplikawx f'dan il-każ w'għaldaqstant ġiet ċitata biss il-parti relevanti tas-sub-artikolu.

Illi dwar l-assistenza skont l-Artikolu 8, dawn id-drittijiet jidher illi ġew osservati.

Dwar id-drittijiet skont l-Artikoli 9(1)(a) u 9(2), kif ukoll 9(1)(b) u 9(1)(ċ) u cioe:

> *"Id-dritt li ħsieb tal-passiġġieri jiġi meħud*
>
> *1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas:*
>
> *(a) ikliet u ħwejjeġ oħra ta' xorb u ta' ikel b'konnessjoni raġonevoli mal-ħin li għandhom jistennew;*

*(b) akkomodazzjoni f'lukanda f'każijiet*

*- fejn isir meħtieġ li joqogħdu għal lejl waħda jew aktar, jew*

*- fejn isir meħtieġ li l-passiġġier ikollu joqgħod għal żmien addizzjonali għal dak maħsub minnu;*

*(ċ) trasport bejn l-ajruport u l-post ta' l-akkomodazzjoni (il-lukanda jew post ieħor).*

*2. Barra minn dan, passiġġieri għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas żewġ sejħiet bit-telefon, telex jew messaġġi bil-fax, jew e-mails."*

L-atturi ġew offruti l-ispejjeż tal-lukanda u kolazzjon, pero' ma ġewx offruti akkomodazzjoni f'lukanda u lanqas ġew offruti trasport bejn l-ajruport u l-post tal-akkomodazzjoni, illi huwa preċiżament dak illi jgħid ir-regolament illi għandhom jiġu offruti l-passiġġieri. Ir-regolament ma jitkellimx fuq 'spejjeż' iżda fuq akkomodazzjoni u trasport illi huwa differenti kompletament għaliex li kieku seħħ dak previst mir-regolament l-atturi ma kienx ikollhom il-problema li kellhom sabiex jaslu għall-lukanda tagħhom b'dewmien ulterjuri wara illi ġiet ikkanċellata it-titjira!

F'dan ir-rigward is-soċjeta' attriċi naqset mid-dmirijiet tagħhha.

Imbgħad ir-regolament jitkellem ukoll fuq id-dritt tal-kumpens skont l-Artikolu 7 u cioe f'dan il-każ, kumpens ta' *"(b) EUR 400 għat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1500 kilometru, u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1500 u 3500 kilomentru"*. Dan il-kumpens huwa b'żieda ma dak hawn fuq imsemmi liema *"kumpens ... għandu jiġi mħallas fi flus, permezz ta' trasferiment tal-bank elettroniku, ordnijiet tal-bank jew ċekkijiet tal-bank jew, bil-ftehim iffirmat tal-passiġġier, f'irċevuti tal-vjaġġ u/jew servizzi oħrajn."*

Illi dan it-Tribunal isib illi l-atturi għandhom dan l-imsemmi dritt skont ir-regolament w'għaldaqstant ser tkun qiegħda tipprovdi għal dan aktar l-isfel u s-soċjeta' intimata m'hijiex esonerata mill-ħlas tiegħu hekk kif spjegat ampjament f'din id-deċiżjoni.

Illi it-talba tal-atturi hija primarjament waħda għall-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) skont id-drittijiet emanenti mir-Regolament 261/2004.

Dan it-Tribunal iħoss illi għalkemm is-soċjeta' intimata provat tgħin lill-atturi dan m'għamlitux billi tat l-assistenza piena rikjesta mill-liġi skont ir-Regolament 261/2004 u dan krea problemi ulterjuri illi żiedu mal-inkonvenjent tal-atturi fil-vjaġġ tar-ritorn tagħhom mill-btala illi għamlu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat ukoll ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 u s-sentenzi tal-Qrati tal-Ġustizzja relevanti u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi milqugħa fl-ammont ta' €77.92 għall akkomodazzjoni u €15.80 għall-ikel liema ammonti s-soċjeta' attriċi kienet diġa lesta tħallas, kif ukoll l-ammont ta' €800 u cioe €400 għal kull passiġġier skont l-Artikolu 7 tar-Regolament 261/2004, kif ukoll €150 f'danni morali *stante* l-inkonvenjent illi l-istess soċjeta' attriċi ħolqot billi minflok offriet l-akkomodazzjoni u l-mezz ta' trasport hi, kienet lesta biss li tirrifondi l-ammonti wara illi kellhom jieħdu l-briga jfittxu akkomodazzjoni u trasport l-atturi bid-diffikultajiet kollha illi huma rriskontraw u l-ħin kollu li tilfu minbarra l-anzjeta' kkawżata lilhom anka minħabba fatturi ta' saħħa. Jingħad ulterjorment illi danni materjali rigwardanti t-trasport ma jistgħux jingħataw peress li ma nġiebet l-ebda prova fir-rigward u f'dan il-każ is-soċjeta' attriċi ma kienetx aċċettat illi tħallas tali ammont.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tminn mija u tlieta u disgħin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€893.72) f'danni materjali b'dana illi dan l-ammont jgħaddi għand l-atturi bil-mezz maqbul mal-istess atturi;

Addizzjonalment bħala danni morali għall-ħsara, deni, anżjeta' u inkonvenjenza li s-soċjeta' intimata kkwżat lir-rikorrenti dan it-Tribunal qiegħed jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin Ewrp (€150).

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**